# 135. Il-Qmis tal-Bniedem Hieni

Darba kien hemm Re li kellu
ibnu l-kbir, dejjem imdejjaq,
u tgħidx x'għamel ir-Re twajjeb
biex lill-Prinċep jara mfejjaq.

Ried li jsiefru sabiex jara
il-pajjiżi u l-bliet kbar;
ried iżewġu biex iderri,
ried jagħtih flus ghax-xalar.

Għalxejn kollox, għax il-Prinċep
baqa' mdejjaq bħalma kien;
ir-Re ordna l-għorrief kollha
biex parir jagħtuh flimkien.

Il-għorrief studjaw bir-reqqa
u lkoll ħarġu b'dal-parir:
illi għandha ssir tfittixa
ta' malajr u bla tnikkir,

Biex jinstab bniedem fid-dinja
illi jkun għal kollox hieni,
u ma' dan il-qmis ibiddel
għandu bżonn il-Prinċep dieni.

U malajr l-ambaxxaturi
bagħat ir-Re ma' kullimkien
biex isibu bniedem hieni
bla tnikkir u fl-aqsar żmien.

Qassis sabu li qalilhom
li bil-ferħ irid itir;
ir-Re ried jaf minn għandu
jekk jixtieqx isqof isir;

"Kemm nixtieq!" il-qassis wieġbu;
ir-Re qallu minnufih:
"Mela m'intix tassew hieni
għax dix-xewqa tagħfsek sħiħ!"

Instab Re wisq għani u qawwi
illi rebaħ lill-għedewwa,
kellu t-tfal, kuntent ma' martu,
in-nies kollha jħobbuh sewwa;

“Tassew hieni, jien,” qalilhom,
“dieqa biss tagħfasni fis,
li trid tmut u tħalli kollox;”
lanqas biss staqsewh għall-qmis!

Darba r-Re kien qed għall-kaċċa,
sema’ għana wisq sabiħ;
“hawn hu l-bniedem tassew hieni!”
qal ir-Re, u minnufih

Fl-għalqa daħal u sab ġuvni
jaqta’ l-għeneb għall-inbid:
“Ejja miegħi,” ir-Re qallu,
“ġol-palazz nagħtik li trid.”

“Maesta’, niżżik ħajr ħafna,
jien ma rrid immur imkien,
kull ma rrid għandi għal qalbi,
ferm kuntent hawn qiegħed jien!”

Ir-Re ħatfu u beda jneżżgħu,
u xejn xejn ma qagħad iqis;
iżda l-bniedem tassew hieni
taħt il-ġlekk ma kellux qmis!